**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 156/23 AL

A B C

vs

D E

(M.R. Numru 1661/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet zzewgu nhar it-6 ta' Lulju 2013 gewwa Malta, liema zwieg kien registrat fir-Registru Pubbliku kif jirrizulta mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkata Dokument A.

2. Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Hans Karl Attard fil-07 ta' Jannar 2021 li kopja tieghu qegħda tigi hawn annessa u mmarkata Dokument B.

3. Illi il-kuntratt ta' separazzjoni gie ppublikat aktar minn sitt xhur ilu u għaldaqstant l- partijiet ilhom jgħixu hajja separata minn xulxin ghal aktar minn sentejn, u għalhekk huma intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u l- partijiet huma kuntenti jgħixu l-hajja separata taghhom u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-esponenti hawn anness u mmarkat bhala Dokument C.

5. Ili ma hemm l-ebda manteniment dovut lil intimata D E nee E personalment stante li dritt ta' manteniment gie rinunzjat fl-istess kuntratt ta' separazzjoni u l-unika manteniment li jithallas huwa ghat-tifla taghhom F C E.

6. Ili dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli għal daqshekk minn din il- Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.

Bl-ispejjez u l-intimata ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:-

Illi, preliminarjament, l-esponenti tecepixxi li ma jikkonkorrux l-elementi kollha mehtiega mil-Ligi biex jigi ppronunzjat il-hall taz-zwieg.

Illi permezz tal-klawsola erbgha u ghoxrin (24) tal-kuntratt ta' separazzjoni kopja tal-liema hija annessa mar-rikors promotur, ir-rikorrent obbliga ruhu li jivversa manteniment ghat-tifla ta' tliet mija u hamsin Ewro kull erba' gimghat, liema manteniment kellu jizdied kull sena skont l-indici ta' inflazzjoni. Inoltre skont il- klawsoli wiehed u ghoxrin (21) u tnejn u ghoxrin (22) huwa obbliga ruhu li jhallas nofs l-ispejjez edukattivi, extra-kurrikulari tat-tifla kif ukoll nofs l-ispejjez ta' sahha tat-tifla. Minkejja dan ir-rikorrent ghandu arretrati ta' manteniment u anke tal-ispejjez tal-edukazzjoni, extra-kurrikulari u ta' sahha tat-tifla.

Illi għalhekk l-esponenti MA TAQBILX li ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti zzewwgu fis-6 ta' Lulju, 2013, u ghandhom tifla F C E li llum il- gurnata ghad ghandha biss ghaxar snin.

Illi l-esponenti tikkonferma wkoll li fis-7 ta' Jannar, 2021, huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Hans Karl Attard.

Illi l-esponenti tikkonferma li l-kontendenti ilhom separati ghal aktar minn sena.

Illi bejn il-kontendenti m'hemmx tama ghal rikonciljazzjoni.

Illi fl-ahharnett l-esponenti tissottometti li l-ispejjez kollha ta' din il-procedura ghandhom jigu ssopportati mir-rikorrenti.

Illi l-esponenti qed tipprezenta l-affidavit taghha in sostenn ta’ dan (dok. RH1);

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Rat in-nota kongunt tal-partijiet li permezz taghha jiddikjaraw li :

1. Fil-mori tad-differiment, l-arretrati ta' manteniment, kif ukoll tal-ispejjez kollha dovuti ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, thallsu mir-rikorrent A

B C lill-intimata D E u dan ghas-saldu tal- pretensjonijiet kollha ta' l-esponenti D E.

2. In vista ta' dan il-hlas, l-esponenti intimata D E qed tirtira l-oggezzjonijiet kollha taghha ghar-rikors ta' divorzju pprezentat minn A B C u tiddikjara li m'għandhiex oggezzjoni ghal- talbiet imressqa mir-rikorrenti A B C fir-rikors promotur.

3. In vista tal-premess, l-esponenti jiddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri x'iressqu u għalhekk m'għandhomx oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tghaddi ghas-sentenza dwar id-divorzju bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-24 ta’ Marzu 2023;

Rat ir-risposta tal-intimata illi inizjalment opponiet ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi kien hemm xi pendenzi fir-rigward tal-ħlas ta’ manteniment;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi l-intimata rtirat l-eċċezzjonijiet kollha taghha ghar-rikors tad-divorzju u ddikjarat permezz ta’ nota kongunti li giet prezentata fil-25 ta’ Ottubru 2023 li ma kellha oġġezzjoni ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikors promotur u dana peress li fir-risposta tagħha kienet oġġezzjonat ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta’ Jannar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.